# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 9**

**Rikors numru 539/14/1 SM**

**Christopher Ciantar**

**v.**

**1) Il-Prim Ministru**

**2) Is-Segretarju Permanenti Prinċipali u**

**3) L-Avukat Ġenerali in rappreżentanza tal-Gvern**

**Il-Qorti:**

1. L-attur beda l-karriera tiegħu fis-servizz pubbliku fid-19 ta' April, 1994 u fis-17 ta' April, 2008, kien inħatar bħala Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Fir-rikors promotur

tiegħu l-attur iddikjara li huwa kien ġie verbalment mitlub sabiex joffri r-riżenja tiegħu fit-12 ta' Marzu, 2013 u dakinhar stess kien irrifjuta li jagħmel dan. Permezz ta' ittra datata 26 ta' Marzu, 2013, l-attur kien ġie nfurmat li l-kuntratt tiegħu kien ġie terminat u li kellu jirritorna lura fil-grad sostantiv tiegħu. L-attur jilmenta li t-tkeċċija tiegħu mill-pożizzjoni ta' Segretarju Permanenti kienet bi ksur tal-kuntratt u tad-drittijiet ċivili tiegħu u dan peress li kienet inġusta u diskriminatorja, u jilmenta li huwa sofra danni konsiderevoli minħabba din it-tkeċċija.

2. L-attur talab għalhekk lil Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara illi dak li sar fil-konfront tar-rikorrent mill-intimat kien bi ksur tal-kuntratt tieghu kif ukoll tad-drittijiet civili tieghu li jkun trattat b'mod gust u minghajr diskriminazzjoni
>
> 2. Tillikwida d-danni rrekati lir-rikorernt mill-agir illegali tal-intimati
>
> 3. Tordna l-hlas ta' tali danni lir-rikorrent mill-intimat
>
> Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali ta' 5 ta' Frar 2014 u tat-23 ta' April 2014 u bl-imghax skond il-ligi."

3. Il-konvenuti eċċepew, *inter alia,* li l-Avukat Ġenerali għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju *ai termini* tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li t-terminazzjoni tal-ħatra tal-attur saret b'konformità sħiħa mal-klawsola 3 tal-*performance agreement* dwar il-ħatra tiegħu, li n-nuqqas ta' qbil tiegħu mat-terminazzjoni ma tikkostitwixxix pretensjoni valida bil-liġi li għandha twassal għal sejbien ta' ksur tal-*performance agreement*, li ma kien hemm l-ebda trattament

inġust fil-konfront tal-attur u l-proċess għat-terminazzjoni tal-ħatra tiegħu tmexxa b'mod ġust, trasparenti u skont il-liġi, u li l-allegazzjoni tal-attur li huwa ġie diskriminat hija waħda gratuwita u legalment infondata.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Ottubru, 2017, ġie deċiż hekk:

> "64.1. Preliminarjament tiddikjara li takkolji l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati rigwardanti l-Avukat Generali;
>
> 64.2. Tiddikjara li l-istess Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti;
>
> 64.3. Tillibera ghalhekk lill-istess Avukat Generali mill- osservanza tal-gudizzju;
>
> 64.4. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;
>
> 64.5. Takkolji t-talbiet l-ohra tal-intimati rimanenti fil-mertu;
>
> 64.6. Tiddikjara li l-istess intimati rimanenti ma kissru l-ebda drittijiet civili tar-rikorrenti;
>
> 64.7. Tiddikjara wkoll li l-istess intimati rimanenti la trattaw lir- rikorrenti b'mod ingust u lanqas b'mod diskriminatorju;
>
> 64.8. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess rikorrenti."

5. L-attur preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-13 ta' Novembru, 2017, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet attriċi u tiffissa l-kumpens hi jew tirreferi l-atti lura lill-Ewwel Qorti għall-likwidazzjoni tad-danni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

6. Il-Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti Prinċipali preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fis-27 ta' Novembru, 2017, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**Ikkonsidrat:**

7. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata fis-sentenza appellata għaliex injorat għal kollox l-aspett reali tal-każ u straħet fuq il-forma tat-tneħħija u mhux is-sustanza tagħha. Jargumentaw li s-sistema ta' *checks and balances* imposta mill-Kostituzzjoni ġiet imħassra għaliex qatt ma nġiebu raġunijiet validi, u għalhekk konsultazzjoni mal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku fuq tali raġunijiet ma setgħet issir qatt, u dan oltre illi l-President ta l-approvazzjoni tiegħu ferm wara li l-appellant tkeċċa u huwa ċar li d-deċiżjoni tal-Prim Ministru li huwa jitkeċċa ttieħdet qabel ma ġiet mgħoddija mill-proċedura stabbilita mill-Kostituzzjoni. Jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li r-raġuni għat-terminazzjoni tal-kuntratt tiegħu ma kienx hemm bżonn li tkun waħda valida, għaliex huwa loġiku li jekk il-partijiet ftehmu li kellha tingħata raġuni għat-terminazzjoni tal-kuntratt allura din kellha tkun waħda valida. Iżid inoltre li ladarba huwa biss il-President li jista' jneħħieh allura d-disgħin ġurnata *notice* kellhom jitqiesu li jibdew jgħoddu b'effett mill-14 ta' Mejju, 2013, u ċjoè meta t-

terminazzjoni tirriżulta approvata mill-President ta’ Malta. Jilmenta li l-Ewwel Qorti njorat għal kollox il-fatt li t-tneħħija tiegħu mill-pożizzjoni ta’ Segretarju Permanenti kienet xprunata għal kollox u mingħajr ekwivoku mill-fatt li kien hemm tibdil fil-Gvern u għalhekk is-sottofond huwa purament politiku, u jsostni li nġiebu biżżejjed provi minnu li s-Segretarji Permanenti qatt ma tneħħew wara xi bidla fil-Gvern jew bidla ta’ xi ministru. Jargumenta li m’hemm xejn fil-Kostituzzjoni, f’xi liġi oħra, jew fil-kuntratt ta’ impjieg tiegħu li kienet tagħti d-dritt lill-Gvern li jneħħih mill-kariga tiegħu sakemm ma kienx hemm kawża għal dan naxxenti minn xi att jew ommissjoni tal-appellant stess.

8. Il-Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti Prinċipali jwieġbu li l-Ewwel Qorti għamlet sew li eżaminat l-aspett proċedurali tat-tneħħija tal-appellant mill-kariga tiegħu peress li fir-rikors ġuramentat tiegħu l-appellant kien ilmenta li l-konvenuti kissru l-kondizzjonijiet tal-kuntratt li huwa ffirma mal-Gvern u għalhekk huwa nġust l-appellant meta jikkritika lill-Qorti talli għamlet dak mistenni minnha. Jargumentaw li l-kuntratt tal-appellant innifisu kien jagħti lill-Gvern is-setgħa li jitterminah qabel l-iskadenza tiegħu u dan sakemm jiġu sodisfatti il-kondizzjonijiet imposti mill-Artikolu 92(3) tal-Kostituzzjoni, jingħata avviż minn qabel ta’ disgħin jum u fl-avviż tal-waqfien jiġu ndikati r-raġunijiet għat-terminazzjoni. Jgħidu li mill-atti jirriżulta li fis-26 ta’ Marzu, 2013, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet qablet mal-Prim Ministru li titwaqqaf il-ħatra tal-

appellant, u din it-terminazzjoni kienet ġiet sussegwentement approvata mill-President ta' Malta, u min-naħa tiegħu l-appellant ma ressaq l-ebda prova li l-konsultazzjoni ma saritx jew li d-dokumentazzjoni li turi li saret ma tgħidx is-sewwa tant li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant qatt ma qajjem xi dubju dwar din il-konsultazzjoni. Iżidu wkoll li l-appellant qatt ma qajjem il-kwistjoni dwar meta ngħatat l-approvazzjoni mill-President quddiem l-Ewwel Qorti, u jgħidu li fi kwalunke każ dan l-argument huwa żbaljat peress li l-Kostituzzjoni teżiġi biss li t-terminazzjoni tkun approvata mill-President ta' Malta u huwa mmaterjali meta din tingħata diment li tkun ingħatat għaliex fil-każ li wara li jkun ingħata l-avviż tat-terminazzjoni l-President ma japprovax it-terminazzjoni dak l-avviż jitlef l-effetti tiegħu. L-appellati jżidu wkoll f'dan ir-rigward li l-pre-avviż ta' disgħin jum mhuwiex mandatorju kif tixhed il-kelma "*normally.*" Jgħidu li l-istess japplika għall-ħtieġa li tingħata raġuni għat-terminazzjoni, ħaġa li ngħatat f'dan il-każ, u jsostnu li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li m'hemmx ħtieġa legali li r-raġuni tkun waħda valida. Jargumentaw li mhuwiex minnu li t-terminazzjoni tal-kuntratt tal-appellant kienet waħda diskriminatorja jew imsejsa unikament fuq raġunijiet ta' xejra politika, u jgħidu li mill-provi jirriżulta li d-deċiżjoni li ttieħdet kienet waħda raġonevoli għall-finijiet tad-dritt amministrattiv.

9. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"11.0. Illi rigward il-meritu veru u proprju tal-vertenza in dizamina, jinghad sintetikament li dan jikkomprendi zewg lanjanzi, senjatament:

11.1. A. It-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti, (ara paragrafu numru tnax, (12.) *et sequitur*); u

11.2. B. L-allegata diskriminazzjoni wara l-applikazzjoni ghall- kariga tar-rikorrenti ghal Direttur Generali, (ara paragrafu numru erbgha u erbghin, (44.), *et sequitur*);

Ikkunsidrat:

**A. It-Terminazzjoni tal-Impjieg:**

12. Illi l-impjieg tar-rikorrenti jirrizulta regolat mill-kuntratt ta' Ingagg u Prestazzjoni datat it-2 ta' Dicembru, 2008, (ara foll 6);

13. Illi l-klawsola numru 3 tal-istess kuntratt tghid is-segwenti:

> "The assignment is subject to termination as provided for in article 92 (3) of the Constitution, however, the Government will normally give ninety (90) days notice in writing to the Officer giving reasons for termination....";

14. Illi l-artiklu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistipula s-segwenti:

> "Is-setgha ta' hatra ta' ufficjali pubblici biex izommu jew jagixxu fil-kariga ta' Segretarju Permanenti u ta' tnehhija mill-kariga ta' persuni li jkunu jzommu jew ikunu qed jagixxu f'dik il-kariga tkun fil-President li jagixxi skont il-parir tal-Prim Ministru moghti wara li l-Prim Ministru jkun ikkonsulta mal- Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku";

15. Illi skont il-klawsola numru 2 tal-istess kuntratt t'ingagg in dizamina jirrizulta li l-ingagg in dizamina kellu validita` ghall- perjodu ta' tliet (3) snin, (ara foll 6);

16. Illi l-imsemmi kuntratt, ghalkemm datat it-2 ta' Dicembru, 2008, (ara foll 6), gie effettivament fis-sehh b'mod retrospettiv, senjatament miz-17 t'April, 2008, (ara foll 4);

17. Illi ghalhekk l-istess terminu kuntrattwali in dizamina skada fiz-17 t'April, 2011;

18. Illi permezz t'ittra tas-Segretarju Principali Permanenti datata s-26 ta' Jannar, 2012, (ara foll 19), l-istess kuntratt gie imgedded ghal perjodu ta' tliet (3) snin ohra biex b'hekk l-istess rikorrenti inhatar mill-gdid Segretarju Permanenti (Rizorsi u Affarijiet Rurali);

19. Illi permezz tal-istess tigdid il-kuntratt in dizamina kellu jiskadi fiz-17 t'April, 2014;

20. Illi fl-evoluzzjoni naturali tal-hajja demokratika jirrizulta li fl-2013 kien hemm bidla fil-Gvern;

21. Illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti, flimkien mas-Segretarji Permanenti kollha l-ohra, intalab jirrizenja, (ara foll 55 u 108);

22. Illi r-rikorrenti jirrizulta li permezz t'ittra indirizza lis-Segretarju Permanenti Principali datata t-12 ta' Marzu, 2013, irrifjuta li jissottometti r-rizenja tieghu kif mitlub, (ara foll 48 u 55);

23. Illi konsegwenza tal-istess is-Segretarju Permanenti Principali kien kostrett jittermina l-ingagg tar-rikorrenti bhala Segretarju Permanenti u dan, permezz ta' ittra datata s-26 ta' Marzu, 2013, (ara foll 20);

24. Illi konsegwentement, tenut kont tat-terminu ta' pre-avviz ta' terminazzjoni tal-ingagg ta' disghin (90) gurnata appozitament prefiss fil-klawsola numru tlieta (3) tal-kuntratt t'ingagg in dizamina, (ara paragrafu numru tlettax, (13), aktar qabel u foll 6 u 20), jinghad li l-kuntratt t'ingagg tar-rikorrenti fil-kariga specifika ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali intemm fl-24 ta' Gunju, 2013;

Ikkunsidrat:

25.0. Illi jirrizulta pacifiku li skont il-klawsola numru 3 tal-kuntratt in dizamina l-Gvern zamm is-setgha li jittermina l-ftehim *de quo* qabel ma t-terminu ta' tliet (3) snin hemm prefiss jiskadi, u dan, sakemm jottempora ruhhu mas-segwenti:

25.1. L-artiklu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u

25.2. Jaghti terminu ta' pre-avviz ta' terminazzjoni tal-ingagg ta' disghin (90) gurnata kif normalment jaghmel f'kazijiet simili;

25.3. Jaghti r-ragunijiet ghal tali terminazzjoni;

26. Illi l-istess kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu precedenti gew komunament pattwiti u accettati mill-partijiet – allura anke mir-rikorrenti – kif indikat fil-klawsola numru tnejn (2) tal-istess kuntratt t'ingagg li tistabbilixxi:

> "Subject to the provisions of paragraph 3 hereunder...";

27. Illi *di piu`*, l-istess kunsens tar-rikorrenti ghall-istess hu wkoll ribadit fil-klawsola numru tlieta (3) li tistipula:

"...The assignment is subject to termination as provided for in article 92(3) of the Constitution...", (ara foll 6 u paragrafu numru erbatax, (14), aktar qabel);

28. Illi fir-rigward tat-tneħħija mill-kariga ta' Segretarju Permanenti il-President ta' Malta:

"... jagixxi skont il-parir tal-Prim Ministru moghti wara li l- Prim Ministru jkun ikkonsulta mal-Kummissjoni dwar is- Servizz Pubbliku";

29. Illi fir-rigward tar-rikorrenti jirrizulta assodat li skont ittra datata s-26 ta' Marzu, 2013, il-Prim Ministru issodisfa dan l-obbligu impost fuqu mill-Kostituzzjoni u ikkonsulta ruhhu mal-imsemmija Kummissjoni, (ara foll 172 u 173);

30. Illi skont notament datat ukoll is-26 ta' Marzu, 2013, il-president tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku jirrizulta li permezz tal- firma tieghu fir-rigward, aderixxa ghall-parir lilhu moghti mill-Prim Ministru, (ara foll 174);

31. Illi *di piu`* jirrizulta wkoll assodat li wara li kien hekk ikkonsulta mal-Kummissjoni in dizamina, l-istess Prim Ministru gab it- terminazzjoni tal-ingagg tar-rikorrenti *de quo* a konjizzjoni tal- President ta' Malta u tah il-parir tieghu li l-ingagg tar-rikorrenti bhala Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali kien qed jigi terminat b'effett mill-24 ta' Gunju, 2013, (ara wkoll paragrafu numru erbgha u ghoxrin, (24), aktar qabel u foll 175);

32. Illi l-istess terminazzjoni tirrizulta approvata wkoll mill-President ta' Malta fl-14 ta' Mejju, 2013, (ara foll 175);

33. Illi ghalhekk, ir-rekwiziti tal-artiklu 92 (3) tal-Kostituzzjoni jirrizultaw debitament sodisfatti;

Ikkunsidrat:

34. Illi jonqos issa jigi indirizzat it-terminu ta' disghin (90) gurnata pre-avviz li skont il-klawsola numru tlieta (3) normalment jinghata mill-Gvern f'sitwazzjonijiet analogi, (ara foll 6);

35. Illi jirrizulta li l-avviz ta' terminazzjoni in dizamina nghata fis-26 ta' Marzu, 2013, (ara foll 20), u sussegwentement enfazizzat fis- 26 ta' Gunju, 2013, (ara foll 176);

36. Illi kif jirribadixxi l-istess rikorrenti fid-deposizzjoni guramentata tieghu datata s-26 ta' Novembru, 2015, ghalkemm fil-perjodu tal- pre-avviz ma inghatax xoghol pero` xorta baqa` jircievi s-salarju ta' Segretarju Permanenti dovut ghal dan il-perjodu, (ara foll 168);

37. Illi ghalhekk, ir-rekwizit tal-pre-avviz ta' disghin (90) gurnata jirrizulta debitament sodisfatt;

Ikkunsidrat:

38. Illi l-ahhar rekwizit li jrid jigi hawn stabbilit hu jekk fit- terminazzjoni tal-ingagg in dizamina jirrizultax li nghataw ragunijiet ghal dan fit-termini tal-klawsola numru tlieta (3) tal- kuntratt *de quo*, (ara foll 6);

39. Illi in vista tas-suespost jirrizulta assodat li l-avviz tat- terminazzjoni tal-ingagg tar-rikorrenti hu datat is-26 ta' Marzu, 2013, (ara foll 20);

40. Illi r-raguni moghtija ghal tali terminazzjoni kienet li dan il-pass ittiehed:

> "...as a result of the changes that have become necessary following the General Elections, and the appointment of the Cabinet Ministers...", (ara foll 20);

41. Illi fic-cirkostanzi in dizamina din il-qorti hi prekluza milli tidhol fil-mertu jekk dawn kienux ragunijiet tajba jew le ghat-terminazzjoni tal-ingagg *de quo* u dan, *stante* li r-rekwizit fil-Kostituzzjoni hu semplicement dak li ghandha tinghata raguni ghal tali terminazzjoni;

42. Illi ghalhekk, anke dan it-tielet (3) rekwizit, din id-darba naxxenti mill-klawsola numru tlieta (3) tal-kuntratt *de quo*, tirrizulta debitament sodisfatta;

43. Illi konsegwenza tas-suespost ma jirrizulta l-ebda ksur kuntrattwali daparti tal-intimati Prim Ministru u Segretarju Permanenti Principali fit-terminazzjoni tal-kariga tar-rikorrenti qabel iz-zmien, u dan, *stante* li jirrizulta li giet segwita l- procedura stabbilita fl-artiklu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dik indikata fil-klawsola numru tlieta (3) tal-Kuntratt t'Ingagg u Prestazzjoni;"

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

10. Permezz ta' din il-kawża l-appellant qiegħed jilmenta li t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' servizz tiegħu qabel iż-żmien, u ċjoè fl-2013 meta dan kellu jiskadi ċirka sena wara, kienet bi ksur tal-kuntratt tiegħu, inġusta u diskriminatorja. Huwa lmenta wkoll li kompla jiġi diskriminat

meta ma ġiex magħżul għal kariga ta' Direttur Ġenerali, ilment li ma jifformax parti mill-appell wara li fil-mori ta' din il-kawża rriżulta li l-persuna li ġiet magħżula għal din il-kariga kienet aktar kwalifikata u esperjenzata minnu u kienet marret aħjar fl-evalwazzjoni psikoloġika li kienet saret lill-kandidati. Dan l-appell għalhekk jitratta biss it-tneħħija tiegħu mill-kariga ta' Segretarju Permanenti.

11. Il-Qorti tibda billi tirrileva, u dan peress li fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant donnu jippretendi mod ieħor, li din il-Qorti ma tistax u m'għandhiex tesprimi l-opinjoni tagħha dwar kemm hu desiderabbli li jkun hemm il-possibbiltà legali li Segretarju Permanenti jitneħħa mill-kariga tiegħu meta jkun hemm bidla fil-Gvern jew jinħatar Ministru ġdid. Din il-kwistjoni hija rregolata mill-liġi u mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti f'dawn il-proċeduri li tissindika din il-liġi. Lanqas ma tista din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni amministrattiva għal tagħha, għaliex l-għan ta' kawża bħal din mhuwiex li l-Qorti tiddetermina jekk taqbilx jew le mad-deċiżjoni meħuda iżda biss li tassigura li d-deċiżjoni tkun ittieħdet skont il-liġi u tkun waħda raġonevoli u msejsa fuq konsiderazzjonijiet relevanti.

12. Wara li rat l-atti l-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li ġiet segwita l-proċedura dettata mil-liġi għat-terminazzjoni qabel iż-żmien tal-kuntratt tal-appellant. Mill-provi jirriżulta li fis-26 ta' Marzu, 2013, l-Uffiċju tal-Prim Ministru kkomunika mal-Kummissjoni Dwar is-

Servizz Pubbliku sabiex jinfurmaha li *in vista* tal-ħatra ta' Kabinett ta' Ministri ġodda kien qiegħed jipproponi numru ta' tibdiliet ta' Segretarji Permanenti, b'lista ta' dawk li kien qiegħed jissuġġerixxi li kellhom jinbidlu u min kien qiegħed jissuġġerixxi li kellu jieħu posthom. Fir-rigward tal-appellant u persuna oħra, peress li kienu rrifjutaw li joffru r-riżenja tagħhom kif wara kollox kellhom kull dritt li jagħmlu, ġie suġġerit lill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku li l-kuntratt tagħhom jiġi terminat u jirrivertu lura għal grad sostantiv li kellhom qabel. Dakinhar stess il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku nfurmat lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru li "*The Commission concurs further, in terms of article 92(3) of the Constitution, with the termination of the performance agreement of* […] *and of Dr. Christopher Ciantar as Permanent Secretary (Resources and Rural Affairs).* Għalhekk jidher li r-rekwiżit impost mill-Artikolu 92(3) tal-Kostituzzjoni jinsab sodisfatt, ladarba jirriżulta li effettivament il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ġiet ikkonsultata u qablet mad-deċiżjoni tal-Prim Ministru. Għalkemm l-appellant jilmenta li din ma tikkostitwixxix konsultazzjoni l-Qorti tosserva li l-liġi ma timponi l-ebda proċedura partikolari li trid tiġi osservata jew xi perjodu ta' żmien minimu ta' deliberazzjoni, u għalhekk għal finijiet tal-liġi jirriżulta li l-konsultazzjoni meħtieġa saret. Lanqas ma huwa kontra l-liġi li l-Prim Ministru kien diġà ħa d-deċiżjoni tiegħu qabel ma ġiet ikkonsultata l-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku ladarba l-liġi teħtieġ li l-Prim Ministru jikkonsulta mal-

Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku u mhux li jaġixxi fuq il-parir tagħha.

13. Dwar l-ilment tal-appellant li l-approvazzjoni tal-President ġiet mogħtija fl-14 ta' Mejju, 2013, wara li kien diġà ħareġ l-Avviż tat-Terminazzjoni tal-Impjieg tiegħu, il-Qorti tosserva li ladarba din l-awtorizzazzjoni effettivament ingħatat qabel id-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt tal-appellant ma jistax jingħad li t-terminazzjoni ma saritx skont il-kuntratt u l-Kostituzzjoni. Lanqas ma hu korrett l-argument tal-appellant li t-terminazzjoni ma saritx skont il-kuntratt għaliex id-disgħin ġurnata kellhom jibdew jgħoddu mill-14 ta' Mejju, 2013 u għalhekk effettivament ma ngħatatx disgħin ġurnata pre-avviż. Dan għaliex, kif jargumenta l-abbli difensur tal-appellati, l-għoti ta' pre-avviż ta' disgħin ġurnata mhuwiex mandatorju kkonsidrat li l-kuntratt tal-appellant jipprovdi li "*the Government will* ***normally*** *give ninety (90) days notice in writing"* [enfażi ta' din il-Qorti]. Fi kwalunke każ, il-kuntratt jipprovdi espressament li dawn id-disgħin ġurnata għandhom jibdew jgħoddu minn meta jkun ingħata l-Avviż tat-Terminazzjoni, u dan huwa dak li sar.

14. **F'din il-kawża mhuwiex jiġi mistħarreġ jekk il-proċedura ta' ħatra u tneħħija kinitx tħares il-governanza tajba fis-servizz pubbliku. Il-Qorti trid tapplika l-liġi kif kienet fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ. Dak iż-żmien il-President kien jaħtar is-Segretarji**

**Permanenti, li però kellu jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru wara li l-Prim Ministru jkun ikkonsulta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (ara Art. 92(3) tal-Kostituzzjoni kif kienet dak iż-żmien). Għalhekk il-ħatra ma kinitx issir wara sejħa għall-applikazzjonijiet u eżerċizzju kompetittiv. Saħansitra il-Prim Ministru kien responsabbli għall-assenjazzjoni ta' dipartimenti tal-gvern lis-Segretarji Permanenti. Is-Segretarji Permanenti huma responsabbli għad-dipartiment tal-gvern, u jridu kontinwament jaħdmu mal-Ministri u Segretarji Parlamentari responsabbli għal dawk id-dipartimenti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom. F'dan kollu hu evidenti li l-kariga ta' Segretarju Permanenti ġġorr magħha element qawwi ta' fiduċja li Gvern tal-ġurnata jrid ikollu fil-persuna li jokkupa dik il-kariga, li wara kollox għandu d-dmir li jiżgura li jitwettqu l-policies tal-Gvern. Dan hu evidenti mill-proċeduri għall-ħatra u tneħħija tas-Segretarji Permanenti skont l-Art. 92 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk meta tqis kif kienu jinħatru u jitneħħew is-Segretarji Permanenti fiż-żmien in kwistjoni, il-bidla fil-Gvern li kien hemm fis-sena 2013 tista' titqies bħala raġuni valida biex tneħħa l-attur minn dik il-kariga. B'hekk id-deċiżjoni ma saritx bi ksur tal-*performance agreement* li sar mal-attur meta nħatar bħala Segretarju Permanenti minn Gvern differenti.**

15. **Meta tqis dan kollu, din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li d-deċiżjoni kienet irraġonevoli b'mod li kienet** "…*so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it*."[1] Fil-każ odjern ġie spjegat minn Mario Cutajar, li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti Prinċipali li "F'dak iż-żmien il-Kabinet kien diġà ġie magħżul, kont naf min kienu l-Ministri appuntati, kont naf ukoll ċertu elementi li qatt ma ngħataw opportunita' jesprimu l-kapaċitajiet tagħhom fiċ-Ċivil u jien għalhekk qabbilt il-kapaċitajiet ta' dawn il-persuni flimkien mal-karattri tagħhom mal-Ministri li kelli." Huwa żgur li ma tistax issib li d-deċiżjoni kienet waħda rraġonevoli bil-mod kif deskritt aktar -il fuq. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa pjuttost raġonevoli li tittieħed deċiżjoni ta' dan it-tip b'konsiderazzjoni għas-sinerġija li hija meħtieġa bejn il-Ministru u s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru li għalih huwa responsabbli biex jiġi żgurat li t-tnejn li huma jkunu jistgħu jaqdu dmirijithom bl-aħjar mod possibbli. Kif ikkonsidrat fid-deċiżjoni tal-*Ombudsman* tal-15 ta' April, 2014, mogħtija fil-Każ numru 0263 dwar ilment simili għal dak mertu tal-każ odjerna

> "…*one cannot but also acknowledge and consider the element of mututal trust and comfortable feeling that is indispensable between the Minister who in reality even if not ideally, remains a politican despite his Constitutional appointment as Minister, and his Permanent Secretary as a public officer. This connotation does not necessarily exclude decisions based on personal trust/comfort, for a Permanent Secretary to be removed from that position following a change in Government."*

[1] Council of Civil Service Unions v Minister for the Civil Service [1985] AC 374.

16. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-appell tal-attur huwa nfondat u qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-attur appellanti, bl-ispejjeż tal-appell kontra l-istess appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da